27 ta' Ottubru, 1964

**Imħallef:**

**Onor. Edoardo Magri, LL.D.**

Mary Hayman

*versus*

Mary Bradley

**Illeġittimità tal-persuna — patria potestà — Awtorizzazzjoni — Art. 154, 155(2), Kodiċi Ċivili — Art. 784(a), 787, 788 u 790(2), Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Għalkemm l-omm għandha l-kura naturali ta' wliedha, sakemm ma jkunx hemm separazzjoni bejnha u bejn żewġha, id-drittijiet kollha naxxenti mill-patria potestà fuq l-ulied minuri jibqgħu prerogattiva tar-raġel, anke jekk dan jinsab assenti minn dawn il-Gżejjer, u, għalhekk jikkompeti biss lill-missier id-dritt illi jirrikjama l-uliedu minuri li għal xi raġuni jew oħra jkunu abbandunaw id-dar, illi huwa jkun iddestinalhom, mingħajr il-permess tiegħu.*

*L-omm tibqa' dejjem persuna illeġittima sabiex tintroduċi kawża għar-rikjam ta' l-ulied minuri illi jkunu abbandunaw id-dar, anke jekk hija tipprova illi kellha l-kunsens ta' żewġha sabiex tistitwixxi l-istess kawża.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi — premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni — premess illi Rita Hayman, bint minuri ta' l-attriċi, tinsab għand il-konvenuta li qegħda tirrifjuta illi tirritorna l-istess tifla lil ommha u peress illi huwa fl-aħjar interess tat-tifla illi hija tgħix ma' l-attriċi, ommha — talbet illi l-konvenuta tiġi kkundannata minn din il-Qorti tikkonsenja l-imsem-

*mija tifla minuri* Rita Hayman *lil ommha, l-attriċi, bl-ispejjeż kontra* l-konvenuta;

Omissis.

Rat in-nota *tal-eċċezzjonjiet* tal-konvenuta li biha tgħid illi huwa fl-interess tat-tifla li dina tibqa' mal-konvenuta fejn "del resto" ġiet kollokata mill-istess *attriċi. Infatti* l-attriċi għandha żewġt itfal oħra li preżentement lanqas tieħu ħsiebhom hi, u għalhekk wieħed għandu *jippresumi li lanqas tkun* tista' tieħu ħsieb it-tarbija in kwistjoni. Di più, l-attriċi m'għandhiex "*locus standi*" biex tagħmel *dina l-kawża li* jmissha saret minn missier it-tarbija li għandu l-patria potestà;

Omissis.

Ikkunsidrat:

Li l-konvenuta eċċepiet preliminarjament li l-attriċi ma tistax tistitwixxi dana l-ġudizzju, billi kawża simili tikkompeti lil missier it-tarbija, li għandu l-patria potestà.

Ikkunsidrat:

Li mid-depożizzjoni li tat l-*attriċi* quddiem l-avukat talfqar fis-6 ta' Lulju, 1964 (fol. 10 u tergo) irriżulta li żewġha John Hayman jinsab imsiefer, u li ma *teżisti ebda separazzjoni* personali bejnha u żewġha.

Li għalhekk l-attriċi mhiex investita bil-kura tal-minuri Rita bis-saħħa la ta' sentenza ta' separazzjoni u lanqas għal xi motiv *ieħor* kontemplat mil-liġi. Huwa veru, li l-omm għandha l-kura naturali ta' wliedha, li però, sakemm ma jkunx

hemm separazzjoni, id-drittijiet kollha naxxenti mill-patria potestà fuq l-ulied minuri, jibqgħu prerogativa tar-raġel, anki jekk dana jinsab assenti minn dawna l-Gżejjer; u jikkompeti lil missier biss *id-dritt li jirrikjama* l-ulied minuri li għal xi raġuni jew oħra jkunu abbandunaw id-dar, li jkun iddestinalhom, mingħajr il-permess tiegħu (art. 155(2) Kod. Ċiv.). Dana *d-dritt jidderiva lil missier mill-art. 154 tal-Kodiċi Ċivili* li jassoġġetta lil iben leġittimu taħt is-seta' ta' missieru għall-effetti kollha kif stabbiliti mil-liġi. Dana d-dritt "di avere presso di sè la propria prole" ma jistax jiġi mċaħħad lil missier, jekk mhux fil-konkors ta' ċirkostanzi gravi (Kollez. XIII, 390; XXXV, ii, 417) u anqas ma huwa ta' ostakolu għall-eżerċizzju tiegħu, iċ-ċirkostanza li t-tarbija ġiet imrobbija minn ċkunita għand persuni estranei għall-familja (Kollez. XV, 625, 626), jew *il-fatt li xi nanniet jippretendu* li jinviġilaw, fuq l-edukazzjoni u l-kondotta tan-neputi minorenni (Kollez. XVI, ii, 179).

Li huwa veru, li dir-regola fil-kwistjonijiet konċernenti l-abitazzjoni u l-edukazzjoni tat-tfal fid-dar tal-ġenituri tagħhom, *wieħed għandu jieħu in* konsiderazzjoni dak li aktar jaqbel u li huwa vantaġġuż fl-interess tat-tfal (Kollez. II, 325; IV, 74); iżda d-dritt li jirrikjama lill-uliedu minuri fid-dar li kien iddestinalhom, *jibqa' riservat lil missier, u huwa biss jista'* jaġixxi, sakemm ma jiġix pruvat li iddekada mil-patria potestà, biex jottjeni mill-Qorti l-adempiment ta' dana d-dritt.

Li l-omm mhix investita mil-liġi b'ebda wieħed mill-attributi tal-patria potestà; salvi f'ċerti każi partikolari rigward l-amministrazzjoni tal-beni ta' wliedha — għalhekk ma tistax teżerċità d-dritt akkordat lil missier mill-artikolu fuq ċitat, li *tirrikjama lill-uliedha minuri* fid-dar tagħha. Dana l-prinċipju huwa korollarju tal-fatt li fil-Kodiċi Tagħna l-patria potestà hija riservata esklusivament għal missier għad-differenza tal-Kodiċi Taljan fejn *il-patria potestà ġiet attribwita lil ġenituri.*

b'dana però, li l-eserċizzju tagħha ġie rimess kompletament lil missier; mentri fil-Kodiċi Franċiż dina l-potestà ġiet solidalment investita fil-missier u l-omm (v. Sent. P.A. "Lorenza Borg vs. Carmelo Borg" deċiża fit-2 ta' Ġunju, 1964; u in kwantu applikabbli, is-sentenzi riportati fil-Kollez. VIII, 66 u 67, u VII, 620).

Ikkunsidrat:

Li mhuwiex il-każ li tiġi applikata favur l-attriċi d-dispożizzjoni tal-art. 784(a) tal-Proċedura Ċivili, għaliex hawn il-materja għandha tiġi regolata għall-fini ta' dak l-artikolu fuq il-bażi tal-konsiderazzjonijiet premessi, iġifieri li dina l-azzjoni tikkompeti biss lil missier, u bħala tali huwa għandu jeżerċità in kontestazzjoni ta' martu (Kollez. XXXVI, i, 179; 212; App. "Cassano vs. Cassano deċiża fit-22 ta' Novembru, 1963), u in kontestazzjoni ta' kwalunkwe persuna li tkun tiddetjeni biex trabbihom bil jew mingħajr il-permess tal-missier, lit-tfal minuri soġġetti għal patria potestà tiegħu (Kollez. XXXIV, ii, 560).

Li hawn mhuwiex il-każ li l-mara miżżewġa biex taġixxi tista' titlob l-awtorizzazzjoni lir-raġel, jew jekk dana ma jridx mill-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja (art. 787 u 788 Proċ. Ċivili); għaliex dina l-azzjoni, bħala dritt inerenti għal patria potestà tal-missier, ma tistax tiġi istitwita ħlief minnu biss; u għalhekk l--attriċi tibqa' persuna illeġittima li tintroduċi kawża simili, anzi jekk tipprova li kellha l-kunsens ta' żewġha. U n-nullità tal-atti minnha magħmula — kompriżi dina l-kawża — anqas ma jġibu għall-konsegwenza li l-attriċi setgħet tagħmel dina l-kawża, għaliex il-konvenuta mhix waħda mill-persuni kontemplati fl-art. 790(2) tal-Proċedura Ċivili, li huma ntitolati jissollevaw dina l-eċċezzjoni.

Li, infatti, l-attriċi, fl-ipotesi fuq prospettata, tibqa' dejjem inkapaċi li tagħmel kawża simili, sakemm żewġha jibqa' nvestit bid-drittijiet tal-patria potestà fuq uliedu; u għalhekk l-eċċezzjoni relativa tikkompeti anki lill-konvenuta, indipendentement mill-kunsens o meno rikjest għall-validità ta' dina l-azzjoni mill-persuni ndikati fl-artikolu ġa ċitat.

Li kien ikun divers il-każ kieku l-attriċi qegħda tidher fil-kawża bħala mandatarja ta' żewġha, imsiefer, li seta' liberament iddelega dawna d-drittijiet lil martu, biex dina teżerċità f'ismu d-dritt tar-rikjam ta' bintu minuri Rita, minn taħt il-kura u kustodja tal-konvenuta.

Li, fl-aħħarnett, m'għandux jintnes li l-missier assenti, forsi, kien isib diffikultà li jinkariga lill-attriċi, martu, tesiġi dana r-rikjam, kieku nġiebu a konjizzjoni tiegħu ċ-ċirkostanza tal-istat mentali ta' martu, u l-preġudizzju ta' bintu, li jekk tiġi distakkata mill-konvenuta, tispiċċa biex tgħix fil-għaks mal-attriċi; għal liema sitwazzjoni għandha wkoll tirrispondi l-imġieba indenja ta' żewġ l-attriċi li, mingħajr ħtija, ħalla lil uliedu fl-indiġenza, u fi stat li jiġu miġbura, mantnuti u edukati mill-barranin.

Għal dawna l-motivi:

Tiddeċiedi billi tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenuta, li. ċioè, l-attriċi mhiex persuna leġittima li tistitwixxi dana l-ġudizzju u tillibera lill-istess konvenuta mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra l-attriċi.